**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM 27 ta' April, 2017**

**Kawża Nru 59**

**Rikors Nru. 171/17 JRM**

**M.DEMAJO TIMBERS LIMITED (C-750)**

vs

**ANNI 90 LIMITED (C-10648)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-22 ta' Frar, 2017, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' wieħed u sittin elf erba' mija u erbatax-il euro u disgħa u tmenin ċenteżmi (€61,414.89) li tirrappreżenta l-bilanċ minn somma akbar tal-prezz ta' konsenji ta' njam mibjugħa u konsenjati lill-istess kumpannija mħarrka;

Talbet wkoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez, magħduda dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontestwalment imressaq;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija mħarrka li dehret permezz ta' rappreżentant tagħha għas-smigħ tal-lum;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum minn rappreżentant tal-kumpannija mħarrka, li bis-saħħa tagħha stqarret it-talbiet attriċi;

Billi mill-ammissjoni tal-kumpannija mħarrka, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u taqta' l-kawza mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex thallas lis- socjeta' attriċi s-somma ta' €61,414.89 fuq imsemmija rapprezentanti l-bilanċ ta' prezz ta' konsenji ta' njam lilha mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija attriċi, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-dati tar-relattivi fatturi sal-jum tal-ħlas effettiv; u

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta' imħarrka tħallas **l-ispejjez tal-kawza**, magħduda dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju mressaq kontestwalment mar-Rikors Maħluf.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**27 ta' April, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' April, 2017**